4 ta' April 2008

**STQARRIJA**

**L-FKNK TWASSAL ITTRA LILL-PRIM MINISTRU BIEX DAN JIFTAĦ L-ISTAĠUN TRADIZJONALI TAL-KAĊĊA TAR-REBBIEGĦA**

Uffiċjali tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) dalgħodu wasslu ittra lill-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi LL.D., MP fil-Berġa ta' Kastilja.

Fl-ittra, l-FKNK, wara li infurmat lill-Prim Ministru bit-tensjoni għolja ħafna li qed taħkem lill-kaċċaturi u n-nassaba fil-preżent, liema sitwazzjoni se jkollha impatt serju u determinanti fuq il-ħajja ta' eluf ta' ċittadini Maltin u Għawdxin, għalqet l-ittra billi għamlet appell formali lil Dr. Gonzi, bħala Prim Ministru ta' Malta kif ġej:

- "Jekk ikun jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Kommunita' Ewropea ma tkunx għada ddeliberat u tat deċiżjoni fi żmien raġonevoli rigward il-miżuri preventivi li qed titlob il-Kummissjoni, jkun fattur ċar u ndikativ li l-urġenza allegata mil-istess Kummissjoni Ewropeja ma teżistix., Għalhekk, int bħala Prim Ministru għandek tkun sod hekk kif kienet il-wegħda tal-Gvern tiegħek u ssostni l-istess punt li int u l-Gvern tiegħek kien innegozja u li fl-ebda ħin waqt in-negozjati ma kien ġie kontradett. Mhux talli hekk talli int għandek favur tiegħek il-vot tar-referendum ta' Malta li kien jinkludi dan il-punt, u tordna l-ftuħ ta' l-istaġun tal-kaċċa tar-Rebbiegħa għal din is-sena. B'hekk tkun ukoll qed turi konsistenza u ssostni dak li int u Malta emmintu u wettaqtu tul-is-snin sallum u li qiegħed, b'mod, fl-opinjoni tal-Federazzjoni skorrett, mhux ekwu u inġustament jiġi kkontestat mill-Kummissjoni Ewropeja.

NIsperaw li int tilqa' dan l-appell tagħna bl-iktar mod serju u spassjonat u li qiegħed jiġi mgħoddi lilhek bħala Prim Ministru tal-gżejjer Maltin minn sezzjoni ta' ċittadini li jħossuhom illi qegħdin isofru konsegwenzi nġusti ta' proċeduri Ewropej."

L-FKNK u l-eluf ta' kaċċaturi u nassaba u l-familji tagħhom Maltin u Għawdxin issa b'ħerqa li ma bħala jistennew risposta mill-Prim Ministru.

Kunsill FKNK